Jim: Ara dan!
Frans: Kemm jidher ferħan!
Joan: Iva zi. Jim staqsieni jekk Santa Tereza twelditx fl-Indja?
Frans: U int x'għidtlu?
Joan: Kont naf li ma twelditx l-Indja. Fejn twieldet zi ezattament?
Frans: Issa ngħidlek. Joan, trid tisma' l-ġrajja kollha ta' Santa Tereza ta' Kalkutta?
Joan: Iva rrid.
Frans: Mela sejjaħ lil Jim ukoll.
Joan: Jim, ejja! Iz-ziju se jgħidilna l-istorja ta' Madre Tereza.
Jim: L-istorja ta' Madre Tereza? Ġej!
Frans: Madre Tereza twieldet fis-26 t'Awwissu tal-1910. Twieldet f'belt zgħira jisimha Skopje, fejn illum hemm il-Maċedonja. Missierha, Nikola, kien negozjant ta' suċċess, u ommha, Drana, kienet mara tad-dar.
Nikola: Se nsemmuk Agnes.
Drana: Agnes! Xi ġmiel ta' isem.
Frans: Bħala tifla, Agnes kienet dixxiplinata u qalbha tajba. Ma kinitx tiddejjaq tgħin lil ħuha u lil oħtha. Kienet mistħija u magħluqa fiha nfisha.
Agnes: X'għandna għall-ikel ma?
Drana: Illum għandna majjal mixwi, kif tħobbu int. U hawn il-ħobz li tant tħobb.
Nikola: Agnes!
Agnes: Aw pa.
Nikola: Jien m'għallimtekx taqsam mal-oħrajn qabel taqbad tiekol?
Agnes: Jiddispjaċini pa. Ħu biċċa minn dal-ħobz oħt. Veru tajjeb.
Oħtha: Grazzi Agnes.
Agnes: U hawn biċċa għalik ukoll ħija.
Ħuha: Grazzi Agnes għax dejjem qalbek tajba.
Frans: Imma l-kuntentizza ma tantx damet. Meta Agnes kellha 9 snin, missierha marad u miet. B'hekk, il-piz kollu tal-familja ntefa' fuq ommha. Minkejja d-diffikultajiet, Drana xorta bagħtet lil uliedha fi skola primarja privata, u tgħallmu r-reliġjon fil-knisja tal-Qalb Imqaddsa ta' Gesu. In-natural karitattevoli ta' ommha, it-talb ta' kuljum, iz-zjajjar frekwenti fil-knisja biswit id-dar tagħhom, u l-pellegrinaġġi kull sajf għal Letnice, nibbtu f'Agnes ix-xewqa li sservi lil Alla.
Qassis: Merħba Agnes.
Agnes: Fejn kont Dun? Ilni ma narak.
Qassis: Mort Kalkutta għaziza.
Agnes: Fejn hi Kalkutta?
Qassis: Fl-Indja. Post sabiħ ħafna.
Agnes. Ara Dun. Irnexxieli niġbor xi flus mingħand il-ġirien. Ħudhom. Tista' tuzahom għall-missjoni tiegħek.
Qassis: Grazzi Agnes. Kun imbierka.
Agnes: Dun.
Qassis: Għidli Agnes.
Agnes: Kif tkun taf meta Alla jsejjaħlek għal xi vokazzjoni?
Qassis: Din mistoqsija tajba ħafna. Naħseb li tinduna għax tħoss ħafna ferħ.
Frans: Sa ma Agnes għalqet 17-il sena, ħasset is-sejħa t' Alla. Kienet għadha kemm ġiet lura minn missjoni ġo Letnice. U sa ma waslet lura d-dar, kienet taf xi trid tagħmel.
Agnes: Ma.
Drana: Għidli qalbi.
Agnes: Irrid ngħidlek xi ħaġa.
Drana: X' ġara?

Frans: Meta Agnes qalet lil ommha li xtaqet issir soru, Drana mill-ewwel marret ġo kamritha, u baqgħet hemm għal 24 siegħa. Kienet qed tiftaħ qalbha m'Alla. Meta fl-aħħar ħarġet mill-kamra, l-emozzjonijiet tagħha kienu taħt kontroll.
Agnes: Ma, x'kont qed tagħmel daz-zmien kollu hemm ġew? Inkwetajtni.
Drana: Tinkwetax qalbi. Kelli bzonn noħroġ l-emozzjonijiet tiegħi kollha. Din il-professjoni li għazilt se tieħdok 'il bogħod minni.
Agnes: Oooo Ma!
Drana: Tinkwetax qalbi. Trid tġoġġi jdejk f'idejH u timxi t-triq kollha miegħu.
Agnes: Hekk se nagħmel Ma. Grazzi ħafna.
Frans: Agnes għazlet ordni Kattolika tas-sorijiet ta' Luretu, u kienet sejra l-Indja, bħalma dejjem xtaqet. Ħalliet Skopje fil-25 ta' Diċembru tal-1928.
Drana: Ċaw binti.
Frans: Ma kinux jafu li ma kinux se jaraw lil xulxin aktar f'din il-ħajja. Agnes laħqet novizza fi ħdan is-soorijiet ta' Luretu. U ħadet l-isem ta' Marija Tereza. L-ewwel ħadmet fi sptar f'Bengal u mbagħad ħadmet bħala għalliema ġo skola tal-bniet f'Kalkutta.
Tifla: Miss.
Agnes: Għidli qalbi.
Tifla: Ġibtlek din.
Agnes: Grazzi ħafna qalbi.
Frans: Tereza mill-bidu ħabbet ix-xogħol ta' għalliema. Ma damitx ma saret l-għalliema favorita tal-istudenti tagħha.
Tifla: Ħa. Ħu dal-ħobz ukoll.
Tifel: Le oħt. Int ma kilt xejn. Naf li int bil-ġuħ.
Tifla: Le, m'għandix ġuħ. Qed tarani bil-ġuħ?
Tifel: Le. Minix se nikolha.
Agnes:Hello tfal!
Tifla: Wara nofsinhar it-tajjeb Miss.
Agnes: Waranofsfinhar it-tajjeb. Għaliex ma tridx tiekol?
Tifel: Għax... għax...
Agnes: Isa, għidli.
Tifel: M'għandniex bizzejjed ikel id-dar. Il-mama kellha biss biċċtejn hobz illum u oħti trid tagħtihomli t-tnejn. Naf li għandha l-ġuħ, imma ma tridhomx.
Agnes: Ooo! Veru qalbi?
Tifla: Iva Miss. Ħija marid, u l-aħħar darba, meta ġie jarah it-tabib, smajtu jgħid li jrid jiekol 3 darbiet kuljum. Għalhekk kont se nagħtih sehmi wkoll.
Agnes: Tassew għandek qalbek tajba qalbi. Ejjew miegħi. ............. Kulu kollox qalbi.
Tifla: Grazzi Miss.
Madre: Sor Tereza!
Agnes: Għidli Madre.
Madre: Ejja ftit hawn.
Agnes: Għidli.
Madre: Għalfejn tajt l-ikel tiegħek lil dawn it-tfal? Taf li issa se jkunu jriduh kuljum?
Agnes: Ma nafx Madre. Pero, xi lultant inħoss li aħna għandna ħafna aktar milli suppost. Ħares lejn dawn it-tfal. M'għandhomx x'jieklu. U aħna x'qed nagħmlu dwar dan?
Madre: Trid tieqaf tinkwieta dwar affarijiet bla bzonn Tereza.
Agnes: Naf. Imma ma nistax nieqaf naħseb dwar dan.
................................
Frans: Ftit wara, Tereza ħasset il-vera sejħa. Kienet ġo ferrovija, fi triqitha lejn Darjeeling, meta ħasset is-sejħa li biddlitilha ħajjitha. Is -superjuri ta' Tereza nħasdu meta qaltilhom li xtaqet titlaq mill-kunvent. Izda tant kellhom rispett lejn Tereza, li ġabu permess speċjali biex tkun tista' titlaq.
Madre: Ma naħsibx li din hi l-aħjar ħaġa Tereza. Inkwetati għalik.

Agnes: Dan irid Alla minni Madre. Naf x'għandi nagħmel.
Madre: Jiġrilek x'jiġrilek, kun af li dan il-kunvent dejjem miftuħ għalik.
Agnes: Grazzi Madre.
Frans: Tereza tħarrġet fil-kura tas-saħħa. Bdiet fil-kerrejja foqra ta' Kalkutta. Intebħet li l-ewwel kellha tieħu ħsieb saħħithom. Bdiet tfejjaqhom bla ħlas, kull fejn kienet issibhom. Ma damitx ma sabet ruħha bla flus. Kien baqagħla biss ftit muniti.
Tifel: Sor.
Agnes: Hello sabiħ. Kif int illum?
Tifel: Sor, tista' tgħinni?
Agnes: X'ġara qalbi?
Tifel: Ma kilt xejn mil-lbieraħ. Tista' tagħtini ftit muniti biex nixtri x'niekol?
Agnes: Mela le qalbi. Ejja miegħi.
Raġel: Bonswa Sor. X'għandek bzonn?
Agnes: Bonswa Sinjur. Tista' tagħti ftit ross bil-kari lil dan it-tifel?
Raġel: Għal dat-tifel? Għandek flus?
Tifel: Eeeee....
Agnes: Tinkwetax. Jien se nħallaslu. Kemm jiswa?
Raġel: Imm' għala trid tgħinu? M'għandu x'jaqsam xejn miegħek.
Agnes: Huwa tifel t'Alla u dak zgur għandu x'jaqsam miegħi. Ħa l-flus.
Raġel: Sor, għandek qalbek tajba biex tgħin lill-oħrajn. Alla jbierkek.
...........................
Patri: Tista' tagħtini xi ħaġa Sor?
Agnes: Hello! Dan biss għandi.
Patri: Baqagħlek xi ħaġa għalik?
Agnes: Tinkwetax. Missierna jieħu ħsiebi.
Patri: Ma' liema ordni qiegħda Sor? Minix nagħraf is-sari li int liebsa?
Agnes: Jien Sor Tereza, missjunarja.
Patri: Huwa pjaċir tiegħi li sirt nafek Sor. Jien Dun Ġiljan. Tidher inkwetata Sor. Nista' ngħinek b'xi mod?
Agnes: Kont qed naħseb f'modi biex ngħin lill-foqra. Tinkwetax. Alla jurini xi mod.
Patri: Jidher li t-triq se tkun iebsa.
Agnes: Naf.
Patri: Tibza' xejn Sor. Se nitlob għalik kuljum u niġi narak kull meta nkun nista'. Ir-rizq Sor.
Agnes: Grazzi ħafna.
.................................
Frans: Ma kellhiex mediċini meta bdiet. Għalhekk imxiet lejn spizerija, b'lista ta' mediċini li kellha bzonn. Stenniet sigħat, sa ma kulħadd inqeda. Imbagħad, bi tbissima kbira, kellmet lis-sid.
Agnes: Bonswa Sinjur.
Sid: Bonswa Sor. Kif nista' ngħinek?
Agnes: X'taħseb kieku tagħmel xi ħaġa sabiħa għal Alla llum?
Frans: Il-karattru ħelu u ferrieħi tagħha kien iġiegħel l-ispizjara jagħtuha l-mediċini li kellha bzonn bla ħlas. Sor Tereza kellha tbati biex issib il-flus li kellha bzonn. Kienet tgħin lill-foqra lejl u nhar, bil-ftit li kellha.
Agnes: Kif qed tħossok illum?
Tifel: Inħossni tajjeb Sor.
Omm: Grazzi ta' kollox Sor. Ma nafx x'konna nagħmlu mingħajr l-għajnuna tiegħek.
Agnes: Għamilt dak li kelli nagħmel. M'għamilt xejn speċjali.
Raġel: Anke t-tobba rrifjutaw li jgħinuna. Ma jimpurtahomx mill-fejqan tal-foqra. Kont nitlef lil ibni mingħajr l-għajnuna tiegħek.
Agnes: Tirringrazzjax lili. Irringrazzja lil Alla.
Patri: Sor Tereza.

Agnes: Dun Giljan. Kif int?
Patri: Kemm hu diffiċli biex issibek Sor. Ġurnata tkun f'post u mbagħad titlaq.
Agnes: Irrid nieħu ħsieb ħafna nies Dun.
Patri: Naf. Għandek qalbek tajba wisq u forsi għalhekk ħabib tiegħi tani dan.
Agnes: Dan x'inhu Dun?
Patri: Iftħu u ara int stess.
Agnes: Ċekk. Kif? Min tahuli Dun?
Patri: Kellimt lil wieħed minn sħabi dwar xogħlok u tant impressjona ruħu b'dak li qed tagħmel li tak dal-flus biex jgħinek tkompli tagħmel il-karita.
Agnes: Grazzi Dun Ġiljan. M'għandekx ideja kemm nies se jgawdu minn dawn il-flus. Grazzi mmens.
Frans: Fi Frar tal-1949, eks-studenta ta' Sor Tereza, Shubashini, tfajla sinjura minn Bengal, ingħaqdet magħha.
Shubashini: Bonġu Madre.
Agnes: Bonġu. Shubashini! Kemm ilni ma narak!
Shubashini: Jien ninsab tajba Madre. U int?
Agnes: Jien tajba għall-grazzja t'Alla. X'kien qiegħda hawn?
Shubashini: Sor, minn dejjem xtaqt ngħin lill-foqra u lil dawk fil-bzonn. Din hi s-sejħa tiegħi. Nista' ningħaqad miegħek?
Agnes: Xi ġmiel. Il-ġenituri tiegħek jafu b'dan?
Shubashini: Ikkonvinċejthom u issa aċċettaw.
Agnes: Mel'ejja miegħi binti.
Frans: Waħda wahda, kienu ħafna dawk li ngħaqdu ma' Tereza. Sa l-aħħar tas-sena, l-ministeru ta' Sor Tereza kellu 10 membri. Kollha kellhom l-istess intenzjoni, li jaqdu l-ifqar fost il-fqar fis-soċjeta. Ħadd minnhom ma kien jitħallas ta' xogħlu. Kellhom biss zewġ sari, xi affarijiet personali u ktieb tat-talb kull wieħed.  Id-dixxipli kellhom stil ta' ħajja dixxiplinata. Kienu jqumu filgħodu kmieni biex jitolbu u jisimgħu l-quddies. Imbagħad kienu jieklu kolazzjon sempliċi, chapati u te. Mal-ġurnata kienu jmorru qalb il-kerrejja sabiex jgħinu 'l dawk fil-bzonn. Kienu jerġgħu lura biex jieklu ikla sempliċi ta' ross u kari. Kienu jitolbu u jistrieħu ftit, u mbagħad jerġgħu joħorġu jaħdmu sa filgħaxija. Qabel l-ikla ta' filgħaxija kienu jerġgħu jitolbu, u mbagħad wara l-ikel ukoll. Mal-10 kienu jorqdu. Sor Tereza, li issa kienet magħrufa ma' kulħadd bħala Madre Tereza, kitbet ir-regoli l-ġodda tas-soċjeta l-ġdida tal-Missjunarji tal-Karita.
Agnes: Sabiex inwettqu l-missjoni tagħna ta' kumpassjoni u mħabba mal-ifqar fost il-fqar, irridu nduru mal-ibliet u l-irħula. Irridu nfittxu l-morda, l-imweġġa', l-lebruzi, il-mitlufin u l-imwarrbin. Irridu nieħdu ħsiebhom u ngħinuhom, inzuruhom spiss u nesponuhom għall-imħabba t'Alla.
Frans: Il-missjunarji tal-karita tferrxu f'aktar minn 20 belt fl-Indja. Sal-1960, id-dinja nfetħet għal Madre Tereza. Fl-1979 hija ngħatat il-Premju Nobel għall-paċi. Sadattant, il-Missjunarji tal-Karita fetħu 61 dar fi 28 pajjiz barra l-Indja.
Raġel: Araha! Lanqas zarbun ma hi liebsa!
Agnes: Qabel ma nibda d-diskors tiegħi illum, nixtieq nistedinkom ilkoll biex titolbu. .......Mhux bizzejjed li ngħid li nħobb lil Alla, imma ma nħobbx lill-proxxmu tiegħi. Importanti li nintebħu li l-vera mħabba tweġġa'.
Raġel: Qatt ma smajt lil ħadd jitkellem dwar l-imħabba b'dal-mod.
Raġel 2: Araha! Bilkemm għandha bzonn titkellem. Il-prezenza tagħha bizzejjed.
Frans: Jum wieħed, Madre Tereza ġiet mistiedna tiltaqa' mal-Papa Ġwanni Pawlu II. Madre Tereza kienet ferħana se ttir għax kienet ilha tixtieq tiltaqa' mal-Papa.
Patri: Bongu Madre!
Agnes: Bongu ibni. Il-Papa wasal?
Patri: Iva Madre. Qed jistennik.
Agnes: Ħa mmur ħdejh mela. Għandna ħafna x'ngħidu u x'nagħmlu.
Papa: Madre Tereza, int sirt persuna pubblika mportanti ħafna.

Agnes: Iva. Il-fatt li rbaħt il-premju Nobel ifisser li n-nies japrezzaw xogħli. Izda jien qed nagħmel dan biss għall-glorja t'Alla.
Papa: Nifhmek Madre. Jien ukoll ammiratur kbir tiegħek. U kuntent li l-fama tiegħek qed tikber.
Agnes: Jekk il-fama tiegħi tista' tikber ferm aktar, ma tibqax tiġini l-libsa li liebsa.
Papa: Nixtieq li ħafna nies kellhom il-forza u t-tbissima tiegħek. Did-dinja tista' ssir post aħjar.
Agnes: Grazzi Qdusija Tiegħek.
Frans: Fil-5 ta' Settembru 1997, Madre Tereza ħalliet did-dinja. Il-Gvern Indjan għamlilha funeral statali, b'rikonoxximent għall-ħidma tagħha mal-foqra. Sa ma mietet, il-Missjunarji tal-Karita kellhom aktar minn 4000 soru u għaqda maskili ta' 300 membru. Dawn kienu joperaw 610 missjoni f'123 pajjiz.
Joan: Wow! Kemm kibret il-missjoni!
Frans: Iva tfal.
Jim: Zi, x'taf tgħidilna dwar il-mirakli ta' Madre Tereza?
Frans: Il-Vatikan għaraf zewġ mirakli tagħha, li wasslu għall-qdusija tagħha. Se ngħidilkom dwar wieħed minnhom. Fl-1997, mara minn tribu, jisimha Monika, kellha tumur fl-istonku.
Tabib: Ma baqax x'nagħmlu issa. Ma naħsibx li nistgħu nsibu kura għaliha.
Raġel: Le, tgħidx hekk. Jekk jogħġbok għinha Dott. Jekk jogħġbok agħmel xi ħaġa.
Tabib: Ikkalma. Għandha tumur fl-istonku. Xejn ma jista' jsalvaha.
Raġel: Mulej, issa x'se nagħmel? Jekk jogħġbok salva lil marti.
Ners: Ej.
Raġel: Għidli Sor.
Ners: Isma'. Naf bil-marda ta' martek. L-isptar u t-tobba ma jistgħu jagħmlu xejn.
Raġel: Hekk għadhom kemm qaluli. X'għandi nagħmel Sor? Nagħmel minn kollox biex insalvaha.
Ners: Hemm Alla li qed jieħu ħsiebna lkoll. Għax ma tiħodhiex għand il-Missjunarji tal-Karita u titlob għall-fejqan tagħha?
Frans: Wara li daret bosta sptarijiet u tobba, Monika spiċċat ġo dar immexxija mill-Missjunarji tal-Karita fil-Belt ta' Patudan.
Soru: Tinkwetax binti. Illum jaħbat l-ewwel anniversarju mill-mewt ta' Madre Tereza. Fil-kappella hemm it-talb. Zomm sod u itlob. Ċerta li se jgħinek.
Monika: Grazzi Sor.
Frans: Fil-5 ta' Settembru tal-1998, waqt li l-oħrajn kienu qed jitolbu fil-kappella, Monika talbet minn ġo sodditha. "O Alla, jekk jogħġbok għinni." Fil-pront rat raġġ ta' dawl ħiereġ mir-ritratt ta' Madre Tereza. Filgħaxija, zewġ sorijiet dawwru midalja ta' Madre Tereza madwar qadd Monika u talbu fuqha. Wara tant xhur ta' uġigħ u tbatija, Monika raqdet fil-paċi dak il-lejl. U x'ħin qamet filgħodu t-tumur kien telaq.
Tabib: X'inhu? Kif? Dan miraklu!
Monika: Grazzi O Alla!
Jim: Wow! Dan miraklu kbir.
Frans: Iva Jim. Kien hemm aktar mirakli, fosthom il-fejqan tal-Braziljan Marsilio Edad. Madre Tereza ġiet kanonizzata bħala qaddisa fl-2016, wara li l-Vatikan approva l-mirakli.
Joan: Din kienet storja sabiħa Zi. Grazzi li għidtielna.
Frans: Pjaċir tiegħi. Ejja għax qed isir il-ħin u rridu mmorru lura d-dar.